SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

14 ta' Novembru 2024*

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Ambjent – Direttiva 92/43/KEE – Konservazzjoni tal-habitats naturali kif ukoll tal-fawna u l-flora selvaġġa – Artikolu 6(2) – Miżuri xierqa sabiex jiġi evitat, fiż-żoni speċjali ta' konservazzjoni, id-deterjorament tal-habitats naturali – Tipi ta' habitats 6510 (mergħat ta' ħuxlief f'altitudni baxxa) u 6520 (mergħat ta' ħuxlief fuq il-muntanji) protetti min-network Natura 2000 – Telf ta' superfiċji – Nuqqas ta' sorveljanza speċifika tal-habitats naturali – Ommissjoni ġenerali u strutturali – Artikolu 4(1) – Proposta minn kull Stat Membru ta' lista ta' siti li tindika t-tipi ta' habitats naturali u l-ispeċi li huma endemiċi għalihom – Aġġornament regolari tal-informazzjoni dwar dawn is-siti"

Fil-Kawża C-47/23,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 258 TFUE, imressaq fil-31 ta' Jannar 2023,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn C. Hermes u M. Noll-Ehlers, bħala aġenti,

rikorrenti,

vs

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, irrappreżentata minn J. Möller u A. Hoesch, bħala aġenti,

konvenuta,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn K. Jürimäe, Presidenta tat-Tieni Awla, li qiegħda taġixxi bħala President tat-Tielet Awla, K. Lenaerts, President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qed jaġixxi bħala Imħallef tat-Tielet Awla, N. Piçarra, N. Jääskinen u M. Gavalec (Relatur) u N. Piçarra, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Emiliou,

Reġistratur: N. Mundhenke, amministratriċi,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-6 ta' Marzu 2024,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fis-seduta tal-5 ta' Settembru 2024,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li:

– billi naqset b'mod ġenerali u strutturali milli tadotta l-miżuri xierqa sabiex tevita deterjorament tat-tipi ta' habitats 6510 (mergħat ta' ħuxlief f'altitudni baxxa) u 6520 (mergħat ta' ħuxlief fuq il-muntanji) protetti min-network Natura 2000, indikati fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2013/17/UE tat-13 ta' Mejju 2013 (ĠU 2013, L 158, p. 193) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-habitats"), fis-siti nnominati għalihom, u

– billi naqset b'mod ġenerali u strutturali milli tibgħat lill-Kummissjoni data aġġornata dwar it-tipi ta' habitats 6510 u 6520 fis-siti nnominati għalihom,

ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 6(2) u taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva dwar il-habitats, rispettivament.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva dwar il-habitats

2 L-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar il-habitats jipprovdi:

"Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

[…]

(b) *habitat* naturali jfissru żoni terrestri jew akwatiċi distinti permezz ta' fatturi ġeografiċi, abiotiċi u biotiċi, sew jekk huma totalment naturali jew parzjalment naturali;

(ċ) tipi ta' *habitat* naturali li huma ta' interess għall-Komunità jfissru dawk li, fi ħdan it-territorju msemmi fl-Artikolu 2:
(i) huma fil-periklu li jgħibu mill-firxa naturali tagħhom;

jew
(ii) għandhom firxa naturali żgħira minħabba r-rigress tagħhom jew minħabba ż-żona intrinsikament ristretta tagħhom;

jew
(iii) eżempji attwali li jispikkaw tal-katatteristiċi tipiċi ta' waħda jew aktar tad-disa' reġjuni bijoġeografiċi li ġejjin: l-Alpin, l-Atlantiku, l-Baħar l-Iswed, il-Boreali, il-Kontinentali, il-Makaroneżjan, il-Mediterran, il-Pannoniku u l-Isteppiku.

Dawk it-tipi ta' *habitat* naturali huma elenkati jew jistgħu jkunu elenkati fl-Anness I;

[…]

(e) l-Istat ta' konservazzjoni ta' *habitat* naturali jfisser l-influwenzi kollha li jagħfsu fuq l-*habitat* naturali u l-ispeċi tipiċi tiegħu li jistgħu jaffettwaw it-tqassim naturali tiegħu fit-tul, l-istruttura u l-funzjonijiet kif ukoll l-għajxien fit-tul ta' l-ispeċi tipiċi tiegħu fit-territorju msemmi fl-Artikolu 2.

L-istat ta' konservazzjoni ta' *habitat* naturali jitqies 'favorevoli' meta:

– il-medda naturali tiegħu u ż-żoni li jkopri f'dik il-medda huma stabbli jew qed jiżdiedu,

u

– l-istruttura speċifika u l-funzjonijiet li huma meħtieġa biex ikun mantenut fit-tul jeżistu u x'aktarx jibqgħu jeżistu fil-ġejjieni prevedibbli,

u

– l-istat ta' konservazzjoni ta' l-ispeċi tipiċi hu favorevoli kif imfisser f'(i);

[…]

(l) żona speċjali ta' konservazzjoni tfisser sit ta' importanza għall-Komunità nnominat mill-Istati Membri permezz ta' att statutorju, amministrattiv u/jew kuntrattwali li bih il-miżuri meħtieġa ta' konservazzjoni huma applikati għall-manteniment jew għar-ripristinar, fi stat ta' konservazzjoni favorevoli, l-*habitat* naturali u/jew il-popolazzjonijiet ta' l-ispeċi li għalihom is-sit ġie nominat".

3 Skont l-Artikolu 2(2) ta' din id-direttiva:

"Il-miżuri meħuda skond din id-Direttiva jkunu ddisinjati biex iżommu jew jirripristinaw, fi stat ta' konservazzjoni favorevoli, l-*habitat* naturali u l-ispeċi tal-fawna u l-flora selvaġġa li huma ta' interess għall-Komunità."

4 L-Artikolu 3(1) u (2) tal-imsemmija direttiva jipprevedi li:

"1. Għandu jiġi stabbilit *network* ekoloġiku Ewropew koerenti ta' żoni speċjali ta' konservazzjoni taħt l-isem ta' Natura 2000. Dan in-*network*, magħmul minn siti li jħaddnu fihom it-tipi ta' habitat naturali elenkati fl-Anness I u l-habitat ta' l-ispeċi elenkati fl-Anness II, għandhom jippermettu li t-tipi ta' *habitat* naturali u l-*habitat* naturali ta' l-ispeċi konċernati jinżammu jew, fejn jixraq, jiġu ripristinati fi stat ta' konservazzjoni favorevoli fil-firxa naturali tagħhom.

In-*network* Natura 2000 se jkun fiha ż-żoni ta' protezzjoni speċjali klassifikati mill-Istati Membri skond id-Direttiva [tal-Kunsill] 79/409/KEE [dwar il-konservazzjoni ta' l-għasafar selvaġġi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 98)].

2. Kull Stat Membru għandu jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' Natura 2000 skond ir-rappreżentanza fit-territorju tiegħu tat-tipi ta' *habitat* naturali u l-*habitat* ta' l-ispeċi msemmi

fil-paragrafu 1. Għal dak il-għan kull Stat Membru għandu jinnomina, skond l-Artikolu 4, xi siti bħala żoni speċjali ta' konservazzjoni waqt li jitqiesu l-għanjiet stabbiliti fil-paragrafu 1."

5 L-Artikolu 4 tal-istess direttiva jipprovdi:

"1. Skond il-kriterji stabbiliti fl-Anness III (Stadju 1) u l-informazzjoni xjentifika relevanti, kull Stat Membru għandu jipproponi lista ta' siti li jindikaw liema tipi ta' habitat naturali fl-Anness I u liema speċi fl-Anness II li hemm fis-siti huma endemiċi għat-territorju tagħhom. Għall-ispeċi ta' l-annimali li jimirħu fuq żoni kbar, dawn is-siti għandhom jaqblu mal-postijiet fil-medda naturali ta' dawk l-ispeċi li joffru l-fatturi fiżiċi jew bioloġiċi essenzjali għal ħajjithom u għar-riproduzzjoni. Għall-ispeċi akwatiċi mifruxa fuq żoni kbar, dawk is-siti jiġu proposti biss fejn hemm żona li tista' tkun identifikata b'mod ċar li tirrappreżenta l-fattura fiżiċi u bioloġiċi essenzjali għall-għixien u r-riproduzzjoni tagħhom. Fejn jixraq, l-Istati Membri għandhom jippproponu l-adattament tal-lista in vista tar-riżultati tas-sorveljanza msemmija fl-Artikolu 11.

Il-lista għandha tkun mgħoddija lill-Kummissjoni, fi żmien tliet snin min-notifika ta' din id-Direttiva, flimkien ma' informazzjoni dwar kull sit. Dik l-informazzjoni jrid ikun fiha mappa tas-sit, isimha, il-post, id-daqs u l-fatti magħrufa li jirriżultaw mill-applikar tal-kriterji speċifikati fl-Anness III (Stadju 1) mogħtija f'għamla stabbilita mill-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21.

2. Skond il-kriterji stabbiliti fl-Anness III (Stadju 2) u fl-istruttura kemm ta' kull wieħed disgħa reġjuni bioġeografiċi msemmija fl-Artikolu 1(ċ)(iii) kif ukoll dik tat-territorju kollu msemmi fl-Artikolu 2(1), il-Kummissjoni trid tistabilixxi, bi ftehim ma' kull Stat Membru, lista preliminari tas-siti li huma ta' importanza għall-Komunità msawra mil-listi ta' l-Istati Membri li tidentifika dawk li jospitaw waħda jew aktar mit-tipi ta' habitat naturali ta' priorità jew l-ispeċi ta' priorità.

L-Istati Membri li s-siti tagħhom li jilqgħu fihom wieħed jew aktar mit-tipi ta' habitat naturali ta' priorità u l-ispeċi ta' priorità jirrappreżentaw aktar minn 5 % tat-territorju nazzjonali tagħhom jistgħu, bi ftehim mal-Kummissjoni, jitolbu li l-kriterji mniżżla fl-Anness III (Stadju 2) ikunu mħaddna b'mod iktar flessibbli meta jintagħżlu s-siti kollha ta' importanza għall-Komunità fit-territorju tagħhom.

Il-lista tas-siti magħżula bħala siti ta' importanza għall-Komunità, li tidentifika dawk li jilqgħu fihom waħda jew aktar mit-tipi ta' habitat naturali ta' priorità jew l-ispeċi ta' priorità, għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21.

3. Il-lista msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi stabbilita fi żmien sitt snin min-notifika ta' din id-Direttiva.

4. Ladarba sit ta' importanza għall-Komunità jkun adottat skond il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 2, l-Istat Membru konċernat irid jinnomina dak is-sit bħala żona speċjali ta' konservazzjoni kemm jista' jkun malajr u f'mhux aktar minn sitt snin żmien, u jistabilixxi prioritajiet skond l-importanza tas-siti għaż-żamma jew ir-ripristinar, fi stat ta' konservazzjoni favorevoli, ta' tip ta' habitat naturali fl-Anness I jew speċi fl-Anness II u għall-koerenza ta' Natura 2000, u fl-isfond tat-theddid ta' degradazzjoni jew qerda li jkunu esposti għaliha dawk is-siti.

5. Hekk kif sit jitniżżel fil-lista msemmija fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2 dan ikun suġġett għall-Artikolu 6(2), (3) u (4)."

6 Skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-habitats:

"1. Għal żoni speċjali ta' konservazzjoni, l-Istati Membri għandhom jistabilixxu l-miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa li jinkludu, jekk hemm bżonn, pjanijiet ta' tmexxija xierqa disinjati speċifikament għas-siti jew imdaħħla fil-pjanijiet ta' żvilupp l-oħra, u miżuri xierqa statutorji, amministrattivi jew kuntrattwali li jaqblu mal-ħtiġiet ekoloġiċi tat-tipi ta' *habitat* naturali fl-Anness I u l-ispeċi fl-Anness II li hemm fis-siti.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jevitaw, fiż-żoni speċjali ta' konservazzjoni, id-deterjorament ta' l-*habitat* naturali u l-*habitat* ta' l-ispeċi kif ukoll t-tfixkil ta' l-ispeċi li għalihom ġew nominati ż-żoni, safejn dak it-tfixkil jista' jkun sinifikanti meta jitqies skond l-għanjiet ta' din id-Direttiva.

3. Kull pjan jew proġett li mhux marbut direttament ma' jew li ma hux meħtieġ għat-tmexxija tas-sit iżda li x'aktarx se jkollu effett sinifikanti fuqu, jew b'mod individwali jew inkella flimkien ma' xi pjanijiet jew proġetti oħra, għandu jkun suġġett għal evalwazzjoni xierqa ta' l-implikazzjonijiet tiegħu għas-sit in vista ta' l-għanjiet ta' konservazzjoni tas-sit. Fl-isfond tar-riżultati ta' l-evalwazzjoni ta' l-implikazzjonijiet għas-sit u skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jaqblu dwar il-pjan jew il-proġett biss wara li jkunu żguraw li dan ma jaffettwax ħażin l-integrità tas-sit konċernat u, jekk xieraq, wara li jkunu raw l-opinjoni tal-pubbliku ġenerali.

4. Jekk, minkejja li jkun hemm evalwazzjoni negattiva ta' l-implikazzjonijiet għas-sit u fin-nuqqas ta' soluzzjonijiet oħra, pjan jew proġett irid isir xorta waħda għal raġunijiet obbligatorji oħra li huma konnessi ma' l-interess pubbliku, inklużi dawk ta' tip soċjali jew ekonomiku, l-Istat Membru irid jieħu l-miżuri kollha kumpensatorji meħtieġa biex jiżgura li tkun protetta l-koerenza globali ta' Natura 2000. […]

[…]"

7 L-Artikolu 9 ta' din id-direttiva jipprevedi:

"Il-Kummissjoni, li taġixxi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21, għandha tirrevedi minn żmien għall-żmien is-sehem li qed tagħti Natura 2000 biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 u 3. F'dan il-kuntest, żona speċjali ta' konservazzjoni tista' titiqies għal diklassifikazzjoni fejn dan ikun ġustifikat minn żviluppi naturali osservati bħala riżultat tas-sorveljanza msemmija fl-Artikolu 11."

8 L-Artikolu 11 tal-imsemmija direttiva huwa fformulat kif ġej:

"L-Istati Membri għandhom iwettqu sorveljanza fuq l-istat ta' konservazzjoni ta' l-*habitat* naturali u l-ispeċi msemmija fl-Artikolu 2 b'attenzjoni speċjali għat-tipi ta' *habitat* naturali ta' priorità u speċi ta' priorità."

9 L-Artikolu 17 tal-istess direttiva jipprovdi:

"1. Kull sitt snin mid-data ta' meta jiskadi l-perjodu stabbilit fl-Artikolu 23, l-Istati Membri għandhom iħejju rapport dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri meħuda skond din id-Direttiva. Dan ir-rapport irid ikun fih b'mod partikolari l-informazzjoni dwar il-miżuri ta' konservazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(1) kif ukoll l-evalwazzjoni ta' l-impatt ta' dawk il-miżuri fuq l-istat ta' konservazzjoni tat-tipi ta' l-habitat naturali ta' l-Anness I u l-ispeċi ta' l-Anness II u r-riżultati

ewlenin tas-sorveljanza msemmija fl-Artikolu 11. Ir-rapport, magħmul skond l-għamla stabbilita mill-kumitat, irid jiġi mgħoddi lill-Kummissjoni u jkun aċċessibbli għall-pubbliku.

2. Il-Kummissjoni għandha tħejji rapport kompost ibbażat fuq ir-rapporti msemmija fil-paragrafu 1. Dan ir-rapport irid ikun fih evalwazzjoni xierqa tal-progress milħuq u, b'mod partikolari, tal-kontribut ta' Natura 2000 biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3. Abbozz tal-parti tar-rapport li tkopri l-informazzjoni mogħtija minn Stat Membru għandu jintbagħat lill-Istat Membru msemmi għall-verifika. Wara li tingħata lill-kumitat, il-verżjoni finali tar-rapport tiġi pubblikata mill-Kummissjoni, mhux aktar tard minn sentejn wara li tirċievi r-rapporti msemmija fil-paragrafu 1, u tintbagħat lill-Istati Membri, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Soċjali u Ekonomiku.

3. L-Istati Membri jistgħu jimmarkaw żoni nominati b'din id-Direttiva permezz ta' avviżi tal-Komunità maħsuba għal dak il-għan mill-kumitat."

10 Fost it-tipi ta' *habitats* naturali ta' interess Komunitarju li l-konservazzjoni tagħhom teħtieġ in-nomina ta' żoni speċjali ta' konservazzjoni, imsemmija fl-Anness I tad-Direttiva dwar il-habitats, jinsabu, b'mod partikolari, il-"mergħat ta' ħuxlief f'altitudni baxxa" *(Alopecurus pratensis, Sanguisorba officinalis)* u l-"mergħat ta' ħuxlief fuq il-muntanji", li l-kodiċijiet Natura 2000 tagħhom huma 6510 u 6520, rispettivament.

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/484/UE

11 Il-premessa 4 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/484/UE tal-11 ta' Lulju 2011 dwar format ta' informazzjoni għas-siti Natura 2000 (ĠU 2011, L 198, p. 39), tipprovdi:

"Il-kontenut tal-Formola Standard tad-Dejta tan-Natura 2000 għandu jiġi aġġornat b'mod regolari abbażi tal-aħjar informazzjoni disponibbli għal kull sit tan-netwerk, biex il-Kummissjoni tkun tista' twettaq ir-rwol tagħha bħala koordinatriċi u biex, skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 92/43/KEE, minn żmien għal żmien tirrevedi s-sehem li n-Natura 2000 jagħti biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3 ta' dik id-Direttiva."

Id-dritt Ġermaniż

12 Skont l-Artikolu 3 tal-Gesetz über Naturschutz und Landschaftspflege (Bundesnaturschutzgesetz) (il-Liġi dwar il-Protezzjoni tan-Natura u l-Preżervazzjoni tal-Pajsaġġ), tad-29 ta' Lulju 2009 (BGBl. 2009 I, p. 2542), fil-verżjoni tagħha applikabbli għat-tilwima (iktar 'il quddiem il-"BNatSchG"), intitolat "Kompetenzi, missjonijiet u kompetenzi, ftehimiet kuntrattwali, kooperazzjoni amministrattiva":

"(1) L-awtoritajiet kompetenti għall-protezzjoni tan-natura u l-preżervazzjoni tal-pajsaġġ fis-sens ta' din il-liġi huma:

1. l-awtoritajiet kompetenti għall-protezzjoni tan-natura u l-preżervazzjoni tal-pajsaġġ skont il-leġiżlazzjoni tal-Land jew

2. il-Bundesamt für Naturschutz [(l-Uffiċċju Federali għall-Protezzjoni tan-Natura) (BfN)], sa fejn dan ingħata dawn il-kompetenzi permezz ta' din il-liġi.

(2) L-awtoritajiet kompetenti għall-protezzjoni tan-natura u tal-preżervazzjoni tal-pajsaġġ għandhom jiżguraw l-osservanza tad-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi u tad-dispożizzjonijiet adottati abbażi ta' din tal-aħħar, u għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji fil-każ inkwistjoni, wara li jkunu debitament evalwaw dan tal-aħħar, sabiex jiggarantixxu l-osservanza ta' din il-leġiżlazzjoni, sakemm ma jkunx hemm dispożizzjoni kuntrarja.

(3) Fir-rigward ta' miżuri ta' protezzjoni tan-natura u ta' preżervazzjoni tal-pajsaġġ, għandu, bħala prijorità, jiġi vverifikat jekk l-għan jistax, bi spiża raġonevoli, jintlaħaq ukoll permezz ta' ftehimiet kuntrattwali.

(4) Fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' preżervazzjoni tal-pajsaġġ u ta' żvilupp tal-pajsaġġ, l-awtoritajiet kompetenti huma mistennija, sa fejn possibbli, li jirrikorru għal impriżi agrikoli u forestali, għal organi li fihom komuni jew komunitajiet ta' komuni, bdiewa u assoċjazzjonijiet li għandhom prinċipalment l-għan li jipproteġu n-natura u li jippreżervaw il-pajsaġġi huma rrappreżentati b'mod ugwali (assoċjazzjonijiet ta' preżervazzjoni tal-pajsaġġ), għal assoċjazzjonijiet ta' protezzjoni tan-natura jew għal persuni responsabbli għal parks nazzjonali. Il-kompetenzi sovrani ma jistgħux jiġu ttrasferiti.

[…]"

13 L-Artikolu 30 ta' din il-liġi, intitolat "Bijotopi protetti mil-liġi", jipprevedi:

(1) Ċerti partijiet tan-natura u tal-pajsaġġ li huma ta' importanza partikolari bħala bijotopi huma protetti legalment (prinċipju ġenerali).

(2) Huma pprojbiti azzjonijiet li jistgħu jwasslu għal qerda jew għal deterjorament sinjifikattiv tal-bijotopi li ġejjin:

[…]

7. mergħat ta' ħuxlief f'altitudni baxxa u mergħat ta' ħuxlief fuq il-muntanji fis-sens tal-Anness I għad-[Direttiva dwar il-habitats], msaġar, ħitan baxx u ħitan tal-ġebel niexef.

Il-projbizzjonijiet tal-ewwel sentenza japplikaw ukoll fir-rigward ta' bijotopi oħra protetti legalment mil-Länder. […]

(3) Fuq talba, deroga mill-projbizzjonijiet stabbiliti fit-tieni paragrafu tista' tingħata meta d-deterjoramenti jkunu jistgħu jiġu kkumpensati.

[…]"

14 L-Artikolu 33 tal-imsemmija liġi, intitolat "Regoli ġenerali ta' protezzjoni", jistabbilixxi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Il-modifiki u d-disturbi kollha li jistgħu jwasslu għal deterjorament sinjifikattiv ta' sit Natura 2000 fl-elementi essenzjali tiegħu għall-għanijiet ta' konservazzjoni jew ta' protezzjoni huma pprojbiti. L-awtorità kompetenti fil-qasam tal-protezzjoni tan-natura u tal-preżervazzjoni tal-pajsaġġ tista', taħt il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 34(3) sa (5), tagħti derogi mill-projbizzjoni msemmija fl-ewwel sentenza kif ukoll mill-projbizzjonijiet previsti fl-Artikolu 32(3)."

15 L-Artikolu 34 tal-istess liġi, intitolat "Evalwazzjoni tal-effetti u inammissibbiltà tal-proġetti; eċċezzjonijiet", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Qabel kwalunkwe awtorizzazzjoni jew implimentazzjoni ta' proġett, għandha ssir evalwazzjoni tal-effetti tiegħu fuq l-għanijiet ta' konservazzjoni ta' sit Natura 2000 meta, individwalment jew flimkien ma' pjanijiet u proġetti oħra, dan jista' jaffettwa s-sit b'mod sinjifikattiv u ma jservix direttament għall-ġestjoni tas-sit. Sa fejn sit Natura 2000 ikun parti protetta min-natura u mill-pajsaġġ fis-sens tal-Artikolu 20(2), il-kriterji ta' evalwazzjoni tal-effetti jirriżultaw mill-għan ta' protezzjoni u mid-dispożizzjonijiet adottati għal dan l-għan, jekk l-għanijiet ta' konservazzjoni korrispondenti jkunu diġà ttieħdu inkunsiderazzjoni. Il-persuna inkarigata mill-proġett għandha tipprovdi d-dokumenti neċessarji għall-evalwazzjoni tal-effetti kif ukoll għall-eżami tal-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 3 sa 5."

Il-proċedura prekontenzjuża

16 Fis-7 ta' Mejju 2018, peress li kkonstatat, abbażi tar-rapporti stabbiliti mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar il-habitats, id-deterjorament tat-tipi ta' habitats 6510 u 6520 fis-siti li jospitawhom f'dan l-Istat Membru, il-Kummissjoni talbet informazzjoni mingħand l-awtoritajiet Ġermaniżi dwar dan is-suġġett.

17 Wara li eżaminat ir-risposta mogħtija mill-imsemmi Stat Membru f'ittra tat-12 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni bagħtitlu, fis-26 ta' Lulju 2019, ittra ta' intimazzjoni li kien fiha żewġ ilmenti.

18 L-ewwel nett, il-Kummissjoni kkritikat lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja li kisret l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-habitats billi naqset sistematikament milli tieħu miżuri xierqa sabiex tevita d-deterjorament tat-tipi ta' habitats 6510 u 6520 fis-siti nnominati għalihom. Dan l-ilment kien ibbażat fuq it-telf ta' superfiċji ta' dawn it-tipi ta' habitats fis-siti li jospitawhom, fuq l-assenza ta' sorveljanza adegwata ta' dawn is-siti kif ukoll fuq l-assenza ta' miżuri legalment vinkolanti kontra l-fertilizzazzjoni eċċessiva u l-ħsad prematur tal-imsemmija siti.

19 It-tieni nett, il-Kummissjoni lmentat li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja kisret it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tal-imsemmija direttiva billi naqset sistematikament milli taġġorna l-formoli standard tad-data (iktar 'il quddiem il-"FSD") għall-imsemmija tipi ta' habitats, previsti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/484.

20 F'ittra tas-26 ta' Novembru 2019, dan l-Istat Membru kkontesta dawn iż-żewġ ilmenti.

21 Fit-30 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni bagħtet opinjoni motivata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fejn hija tenniet l-ilmenti tagħha.

22 Permezz ta' ittra tat-30 ta' Diċembru 2020, dan l-Istat Membru wieġeb għall-opinjoni motivata filwaqt li allega li n-nuqqasijiet invokati fil-konfront tiegħu ma kinux fondati.

23 Peress li qieset, wara li analizzat din it-tweġiba, li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma kinitx ħadet il-miżuri meħtieġa sabiex tikkonforma ruħha mal-obbligi tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) u taħt l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-habitats, il-Kummissjoni ppreżentat dan ir-rikors fil-31 ta' Jannar 2023.

Fuq ir-rikors

24 Insostenn tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tinvoka żewġ ilmenti, l-ewwel wieħed huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-habitats u t-tieni wieħed fuq ksur tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva.

25 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja titlob li dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jiġi miċħud.

Fuq l-ammissibbiltà

26 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tinvoka l-inammissibbiltà parzjali tar-rikors minħabba, minn naħa, l-assenza ta' konkordanza bejn l-opinjoni motivata u r-rikors u, min-naħa l-oħra, in-natura impreċiża ta' dan tal-aħħar f'dak li jikkonċerna l-kritika ta' sorveljanza insuffiċjenti.

Fuq l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà bbażata fuq l-assenza ta' konkordanza bejn l-opinjoni motivata u r-rikors

– *L-argumenti tal-partijiet*

27 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-suġġett ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, skont l-Artikolu 258 TFUE, huwa stabbilit mill-opinjoni motivata tal-Kummissjoni, b'tali mod li r-rikors għandu jkun ibbażat fuq l-istess raġunijiet u motivi bħal din l-opinjoni. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 127(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-tressiq ta' motivi ġodda fil-mori tal-kawża huwa pprojbita sakemm dawn il-motivi ma jkunux ibbażati fuq punti ta' liġi jew ta' fatt li jirriżultaw matul il-proċedura.

28 Issa, f'dan il-każ, għalkemm il-Kummissjoni tikkritikaha, fir-rikors tagħha, b'telf ta' superfiċji tat-tipi ta' habitats naturali 6510 u 6520 fil-596 u fit-88 sit Natura 2000, rispettivament, jirriżulta li, minn naħa, 99 u, min-naħa l-oħra, 2 minn dawn is-siti ma kinux imsemmija fl-opinjoni motivata. Għalhekk, l-ewwel ilment huwa inammissibbli sa fejn jikkonċerna dawn il-101 sit imsemmija għall-ewwel darba fir-rikors.

29 Il-Kummissjoni titlob li din l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tiġi miċħuda.

30 Hija tenfasizza li huwa f'termini identiċi għal dawk li jinsabu fl-opinjoni motivata li hija tikkritika lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fir-rikors, li "naqset b'mod ġenerali u strutturali milli tieħu miżuri xierqa sabiex tevita deterjorament tat-tipi ta' habitats 6510 u 6520 fis-siti nnominati għalihom".

31 Barra minn hekk, hija tippreċiża li hija għandha d-dritt, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta tiddenunzja nuqqas sistematiku u persistenti ta' twettiq ta' obbligu, li tipproduċi provi komplementari intiżi, fl-istadju tal-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex issostni l-ġeneralità u l-konsistenza tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu allegat. B'hekk, il-fatt li jissemmew, fir-rikors, 101 siti li ma kinux imsemmija fl-opinjoni motivata ma jestendix

is-suġġett tal-kawża u jikkostitwixxi biss prova addizzjonali tal-prattika ġenerali tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, li tikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-habitats, prattika li kienet diġà teżisti fid-data tal-opinjoni motivata.

32 Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tosserva li, fi kwalunkwe każ, hija ma setgħetx issemmi, fl-opinjoni motivata tagħha, is-86 sit li jinsabu fil-Freistaat Bayern (l-Istat Ħieles ta' Bayern, il-Ġermanja), peress li l-pjanijiet ta' ġestjoni li wrew it-telf ta' superfiċji kienu għadhom ma humiex disponibbli f'dak iż-żmien.

33 Fil-kontroreplika tagħha, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tagħha.

34 Hija tindika li, għalkemm il-Kummissjoni tista' tinvoka lment ibbażat fuq nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ġenerali u persistenti, hija għandha madankollu tistabbilixxi l-imsemmi nuqqas ta' twettiq ta' obbligu allegat f'każijiet individwali li huma rappreżentattivi tal-prassi tal-Istat Membru kkonċernat. Għalhekk, u peress li sussegwentement huwa dan l-Istat Membru li għandu jikkontesta d-data mressqa mill-Kummissjoni, din tista', ċertament, wara l-proċedura prekontenzjuża, tikkompleta l-eżempji tagħha tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu allegat b'eżempji oħra, iżda ma tistax tibbaża ruħha finalment, mingħajr raġunijiet apparenti, fuq sett ta' eżempji komposti b'mod differenti. Issa, dan huwa l-każ f'din il-kawża, peress li l-Kummissjoni ma llimitatx ruħha li tindika fir-rikors tagħha siti addizzjonali, iżda ssostitwixxiet uħud mis-siti indikati fl-opinjoni motivata b'siti oħra, kif juri l-fatt li n-numru totali ta' siti baqa' sostanzjalment l-istess bejn l-opinjoni motivata u r-rikors.

35 Fl-aħħar nett, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tiċħad l-argument tal-Kummissjoni li s-86 sit tal-Bavarja ma kinux għadhom disponibbli fid-data tal-opinjoni motivata. Fil-fatt, f'din id-data, 83 minnhom kienu diġà ġew ikkonsultati fuq l-internet għal diversi xhur u t-tlugħ tal-aħħar 3 fis-sit internet seħħ fil-21 ta' Ottubru 2020, jiġifieri qabel l-imsemmija data.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

36 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, sa fejn ir-rikors ikun intiż biex iqajjem nuqqas ta' natura ġenerali li jitwettqu l-obbligi li joħorġu mid-dispożizzjonijiet ta' direttiva, ibbażat b'mod partikolari fuq l-imġiba sistematika u kostanti ta' tolleranza adottata mill-awtoritajiet nazzjonali fir-rigward ta' sitwazzjonijiet li ma humiex konformi ma' dawn id-dispożizzjonijiet, il-produzzjoni mill-Kummissjoni ta' provi addizzjonali intiżi, fl-istadju tal-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, biex isostnu l-ġeneralità u l-konsistenza tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu hekk allegat ma tistax, fil-prinċipju, tiġi eskluża. (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' April 2005, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda C-494/01, EU:C:2005:250, punt 37, u tal-4 ta' Marzu 2021, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (Valuri limiti) – NO2), C-664/18, EU:C:2021:171, punt 80).

37 F'dan il-kuntest, għandu wkoll jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-Kummissjoni tista' tippreċiża l-ilmenti inizjali tagħha fir-rikors tagħha sakemm, madankollu, ma tibdilx is-suġġett tat-tilwima. Issa, billi tipproduċi provi ġodda intiżi sabiex tispjega l-ilmenti mressqa fl-opinjoni motivata tagħha, ibbażati fuq nuqqas ta' natura ġenerali li jitwettqu l-obbligi li joħorġu mid-dispożizzjonijiet tad-direttiva inkwistjoni, il-Kummissjoni ma tkunx qiegħda tibdel is-suġġett tat-tilwima (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' April 2005, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda, C-494/01, EU:C:2005:250, punt 38, u tal-4 ta' Marzu 2021, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (Valuri limiti – NO2), C-664/18, EU:C:2021:171, punt 81).

38 F'dan il-każ, huwa paċifiku bejn il-partijiet li, għalkemm, fir-rikors tagħha, il-Kummissjoni tikkritika lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja b'telf ta' superfiċji tat-tipi ta' habitats naturali 6510 u 6520 f'total ta' 596 u 88 sit, rispettivament, 99 u 2 minn dawn is-siti ma kinux imsemmija fl-opinjoni motivata.

39 Madankollu, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma tikkontestax il-fatt li l-konstatazzjonijiet ta' deterjorament magħmula mill-Kummissjoni fir-rigward ta' dawn il-101 sit huma tal-istess natura bħal dawk invokati fl-opinjoni motivata insostenn tan-nuqqas ġenerali u strutturali allegat fil-konfront ta' dan l-Istat Membru. B'hekk, il-fatt li l-imsemmija siti ma ssemmewx fl-opinjoni motivata, minkejja li l-elementi dwar uħud minnhom setgħu jiġu kkonsultati fuq l-internet qabel ma nħarġet l-opinjoni motivata, ma jipprekludix lill-Kummissjoni milli tkun tista' tinvokahom insostenn tar-rikors tagħha għal finijiet ta' illustrazzjoni tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ta' natura ġenerali li bih din l-istituzzjoni tikkritika lill-imsemmi Stat Membru. Fil-fatt, billi għamlet hekk, il-Kummissjoni ma biddlitx, skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 36 u 37 ta' din is-sentenza, is-suġġett tal-kawża, iżda llimitat ruħha li tippreċiża l-ilmenti inizjali tagħha billi pproduċiet elementi addizzjonali intiżi sabiex juru n-nuqqas ġenerali u strutturali li hija allegat fl-opinjoni motivata.

40 Minn dan jirriżulta li l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà bbażata fuq l-assenza ta' konkordanza bejn l-opinjoni motivata u r-rikors għandha tiġi miċħuda.

Fuq l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà bbażata fuq in-natura impreċiża tar-rikors għal dak li jikkonċerna l-kritika ta' sorveljanza insuffiċjenti

– *L-argumenti tal-partijiet*

41 Minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tfakkar li, il-proċedura prekontenzjuża għandha l-għan li tagħti lill-Istat Membru kkonċernat l-opportunità, minn naħa, li jikkonforma ruħu mal-obbligi tiegħu skont id-dritt tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, li jinvoka l-eċċezzjonijiet tad-difiża tiegħu b'mod utli kontra l-ilmenti mressqa mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, l-opinjoni motivata għandha tinkludi dikjarazzjoni ddettaljata u koerenti tar-raġunijiet li jkunu wasslu lill-Kummissjoni għall-konklużjoni li l-Istat Membru kkonċernat naqas minn wieħed mill-obbligi tiegħu.

42 Issa, f'dan il-każ, għalkemm il-Kummissjoni tikkritikah li ma żgurax sorveljanza "xierqa", fis-sens tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-habitats, tat-tipi ta' habitats 6510 u 6520, la mir-rikors u lanqas mill-opinjoni motivata ma jirriżulta liema huma r-rekwiżiti konkreti li l-Kummissjoni tiddeduċi, fil-livell tas-siti li jospitaw dawn l-habitats, minn tali obbligu ta' sorveljanza. Għaldaqstant, fil-fehma ta' dan l-Istat Membru, ma jidhirx b'mod ċar dak li huwa għandu jagħmel sabiex jirrimedja n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu allegat u, b'mod partikolari, jekk il-Kummissjoni tqisx li huwa kellu jimplimenta miżuri ta' sorveljanza speċifika għal kull żona ta' protezzjoni kkonċernata jew jekk hija tqisx li tali miżuri kienu jeżistu iżda ġew implimentati f'intervalli kbar wisq jew b'mod superfiċjali wisq. Bl-istess mod, u għall-istess raġuni, l-impreċiżjoni tar-rikors tirrendi impossibbli l-eżerċizzju tad-difiża fil-kuntest ta' din il-proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

43 B'hekk, l-ewwel ilment huwa inammissibbli sa fejn dan ma huwiex preċiż f'dan ir-rigward.

44 Il-Kummissjoni titlob, fir-replika tagħha, li l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tiġi miċħuda.

45 Hija ssostni li huwa b'mod żbaljat li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja tallega n-natura impreċiża tal-ewwel ilment. Hija tafferma li stabbilixxiet b'mod ċar, kemm matul il-proċedura prekontenzjuża kif ukoll fir-rikors, liema huma r-rekwiżiti legali fil-qasam tas-sorveljanza li jirriżultaw mill-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-habitats.

46 Din l-istituzzjoni tfakkar li hija esponiet li l-"miżuri xierqa" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni għandhom jinkludu sorveljanza regolari tas-siti Natura 2000 suġġetti għal pressjonijiet u għal theddid qawwi u li l-istat ta' konservazzjoni tagħhom jevolvi negattivament, bħalma huwa l-każ għat-tipi ta' habitats 6510 u 6520 fil-Ġermanja, filwaqt li ppreċiżat li l-frekwenza u l-ispeċifiċitajiet ta' din is-sorveljanza għandhom jiġu adattati, mill-Istati Membri, skont l-istat ta' konservazzjoni u tat-tendenzi osservati fit-tipi ta' habitats tat-territorju tagħhom.

47 Il-Kummissjoni żżid li, kif hija indikat b'mod inekwivoku fir-rikors, sorveljanza speċifika regolari fil-livell tas-siti bi frekwenza li tkun inqas, fi kwalunkwe każ, minn tnax-il sena hija legalment meħtieġa. Madankollu, hija tenfasizza li, f'dan il-każ, fid-dawl tal-informazzjoni fattwali kkomunikata mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja dwar is-sorveljanza fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, li l-frekwenza tagħha tista' tilħaq tnax-il sena hemmhekk, din is-sorveljanza ma kinitx "xierqa", fis-sens tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-habitats, fid-dawl tal-istat sfavorevoli tat-tipi ta' habitats u tad-deterjorament kostanti tagħhom.

48 Fil-kontroreplika tagħha, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà invokata. Għalkemm hija tikkunsidra li r-replika tal-Kummissjoni ppermettiet li jiġi ppreċiżat li l-ewwel ilment imqajjem minn din tal-aħħar jirrigwarda essenzjalment in-natura insuffiċjenti tal-frekwenza ta' sorveljanza tas-siti li jospitaw it-tipi ta' habitats 6510 u 6520, hija madankollu tirrepeti li n-natura tal-ilment la tirriżulta b'mod ċar mill-opinjoni motivata u lanqas mir-rikors.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

49 Qabelxejn, għandu jiġi rrilevat li din l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà invokata mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma tikkonċernax l-argument tal-Kummissjoni li t-telf ta' superfiċji sinjifikattiv tat-tipi ta' habitats 6510 u 6520 f'numru kunsiderevoli ta' siti ġeografiċi fit-territorju ta' dan l-Istat Membru juri l-fatt li l-awtoritajiet kompetenti tal-imsemmi Stat Membru qegħdin jonqsu b'mod sistematiku milli jissorveljaw regolarment l-istat ta' konservazzjoni ta' dawn it-tipi ta' habitats.

50 Fil-fatt, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tesponi hija stess li l-argument tal-Kummissjoni jirrigwarda l-punt dwar jekk is-sorveljanza tat-tipi ta' habitats 6510 u 6520 li titwettaq f'dan l-Istat Membru tissodisfax ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar "il-habitats" u jekk l-imsemmi Stat Membru ħax "miżuri xierqa", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, sabiex jevita d-deterjoramenti.

51 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li l-kwistjoni tal-portata u tal-frekwenza li tirriżulta mill-imsemmija dispożizzjoni, li fuqha tibbaża ruħha r-Repubblika Federali tal-Ġermanja sabiex teċċepixxi l-inammissibbiltà tal-argument tal-Kummissjoni, taqa' taħt il-mertu tal-kawża u taħt l-evalwazzjoni tal-punt dwar jekk l-aġir ta' dan l-Istat Membru jikkostitwixxix ksur tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-habitats.

52 Konsegwentement, it-tieni eċċezzjoni ta' inammissibbiltà invokata mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandha wkoll tiġi miċħuda.

53 Minn dan isegwi li dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu huwa ammissibbli fl-intier tiegħu.

Fuq il-mertu

Fuq l-ewwel ilment, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-habitats

– *L-argumenti tal-partijiet*

54 Permezz tal-ewwel ilment, il-Kummissjoni tikkritika lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja li naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-habitats, billi naqset milli tieħu, b'mod ġenerali u strutturali, il-miżuri xierqa sabiex tevita deterjorament tat-tipi ta' habitats 6510 u 6520 fiż-żoni speċjali ta' konservazzjoni fit-territorju tagħha.

55 Il-Kummissjoni ssostni li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ta' dan l-Istat Membru li jikkonsisti f'li ma adottax tali miżuri xierqa huwa stabbilit mit-telf sinjifikattiv ta' superfiċji ta' dawn it-tipi ta' habitats f'dawn iż-żoni, minħabba l-assenza ta' sorveljanza speċifika tas-siti li jospitaw l-imsemmija tipi ta' habitats kif ukoll l-assenza ta' miżuri ta' protezzjoni legalment vinkolanti kontra l-fertilizzazzjoni eċċessiva u l-ħsad prematur tal-imsemmija żoni.

56 L-ewwel nett, fir-rigward tat-telf sinjifikattiv ta' superfiċji tat-tipi ta' habitats 6510 u 6520 fiż-żoni speċjali ta' konservazzjoni, il-Kummissjoni tindika li l-BfN ikkonstata, fil-Grünland-Report tiegħu tal-2014 (Rapport tal-2014 dwar il-Mergħat), telf kunsiderevoli ta' superfiċji u ta' kwalità kif ukoll deterjorament ta' dawn iż-żewġ tipi ta' habitats sa mis-sena 2007. Bl-istess mod, ir-rapporti mibgħuta mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar il-habitats għall-perijodi mill-2001 sal-2006, mill-2007 sal-2012 u mill-2013 sal-2018 jikkonfermaw tali deterjorament.

57 Il-Kummissjoni tispjega li hija wettqet analiżi komparattiva tad-data trażmessa mill-awtoritajiet Ġermaniżi fl-FSD relatati mas-sena 2006 u tad-data sussegwenti, jiġifieri dik li tirriżulta mill-FSD l-iktar reċenti disponibbli u mill-pjanijiet ta' ġestjoni għad-diversi żoni speċjali ta' konservazzjoni. Issa, minn din l-analiżi jirriżulta li, f'596 sit minn 2 027 sit li jospitaw it-tip ta' habitat 6510 u fi 88 sit minn 295 sit li jospitaw it-tip ta' habitat 6520, seħħ telf sinjifikattiv ta' superfiċji ta' dawn it-tipi ta' habitats. B'mod iktar preċiż, fis-siti inkwistjoni, intilfu 49.52 % tas-superfiċji tat-tip ta' habitat 6510 u 51.07 % tas-superfiċji tat-tip ta' habitat 6520.

58 Il-Kummissjoni żżid li dan in-numru kbir ta' siti huwa mqassam fit-territorju kollu tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, li jfisser evoluzzjoni ġenerali u strutturali. Kuntrarjament għal dak li jsostni dan l-Istat Membru, evalwazzjoni globali tas-siti kollha li jospitaw dawn it-tipi ta' habitats ma kinitx neċessarja, peress li d-deterjorament f'ċerti żoni speċjali ta' konservazzjoni ma jistax jiġi kkumpensat minn titjib f'oħrajn minn dawn iż-żoni.

59 Barra minn hekk, din l-istituzzjoni tosserva li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja tirrikonoxxi parti mit-telf tas-superfiċji, jiġifieri 977.44 ettari għat-tip ta' habitat 6510 u 110.49 ettari għat-tip ta' habitat 6520.

60 Il-Kummissjoni tiċħad l-argument ta' dan l-Istat Membru li parti mit-telf tas-superfiċji kkonstatat ma huwiex "reali", iżda jirriżulta minn indikazzjonijiet żbaljati ta' ċerti siti bħala "żoni speċjali ta' konservazzjoni" u minn żbalji ta' stima li vvizzjaw, fir-rigward tas-sena 2006, il-kalkolu inizjali tal-perimetru tas-siti u tat-tipi ta' habitats ikkonċernati. L-imsemmija istituzzjoni, filwaqt li tikkontesta li dawn l-allegati żbalji jiġġustifikaw tnaqqis ta' 6 476.61 ettari fuq 347 sit li jospitaw it-tip ta' habitat 6510 u ta' 1 322.16 ettari fuq 75 sit li jospitaw it-tip ta' habitat 6520, tikkunsidra li hija kellha d-dritt, sabiex twettaq l-analiżi komparattiva tagħha, li tibbaża ruħha fuq l-informazzjoni pprovduta mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja fl-FSD relatati mas-sena 2006 kif ukoll matul is-snin sussegwenti.

61 Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni tqis li t-telf ta' superfiċji li hija kkonstatat huwa kbir wisq sabiex ikun jista' jkun ir-riżultat ta' sempliċi żbalji, għaliex, għal iktar minn 50 % tas-siti li hija eżaminat, madwar 60 sa 100 % tas-superfiċji tat-tipi ta' habitats inkwistjoni kienu ntilfu matul is-snin bejn l-2006 u l-2017.

62 It-tieni nett, il-Kummissjoni ssostni li d-deterjorament tas-siti li jospitaw it-tipi ta' habitats 6510 u 6520 fil-Ġermanja huwa dovut b'mod partikolari għall-assenza sistematika ta' kontroll adegwat u regolari ta' dawn is-siti mill-awtoritajiet Ġermaniżi kompetenti. Hija ssostni li l-frekwenza li biha għandhom jitwettqu l-kontrolli tiddependi mill-istat ta' konservazzjoni u mit-tendenzi osservati fit-tip ta' habitat ikkonċernat, u li Stat Membru li l-awtoritajiet tiegħu ma jwettqux kontroll regolari u speċifiku taż-żoni speċjali ta' konservazzjoni neċessarjament jonqos milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-habitats.

63 Din l-istituzzjoni żżid li, f'diversi Länder tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ma teżistix kartografija preċiża li tippermetti li jiġi ddeterminat sa fejn it-tipi ta' habitats ta' żona ta' konservazzjoni partikolari ddeterjoraw jew, tal-inqas, li ċ-ċiklu tal-kartografija huwa twil wisq. Barra minn hekk, f'ħafna każijiet, il-kontroll żgurat mill-awtoritajiet Ġermaniżi kompetenti jsir biss permezz ta' teħid ta' kampjuni jew huwa ddeterminat biss permezz ta' avveniment.

64 It-tielet nett, il-Kummissjoni tirrileva li d-deterjorament tat-tipi ta' habitats 6510 u 6520 fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja jirriżulta wkoll mill-fatt li dan l-Istat Membru ma adottax miżuri legalment vinkolanti sabiex jipproteġi ż-żoni speċjali ta' konservazzjoni kontra l-fertilizzazzjoni eċċessiva u l-ħsad prematur. Hija tenfasizza li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja tiffavorixxi approċċ kuntrattwali li ma huwiex vinkolanti biżżejjed u li, konsegwentement, ma huwiex ta' natura li jipprekludi l-fertilizzazzjoni eċċessiva u l-ħsad prematur.

65 Skont din l-istituzzjoni, ir-rakkomandazzjonijiet u l-pjanijiet ta' ġestjoni mhux vinkolanti kif ukoll il-ftehimiet ta' protezzjoni kuntrattwali tan-natura, sa fejn dawn huma biss ta' natura volontarja u purament ta' inċentiv fir-rigward tal-bdiewa, ma jistgħux jikkompletaw b'mod effettiv l-iskema ta' protezzjoni taż-żoni speċjali ta' konservazzjoni.

66 Bħala difiża, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja titlob li l-ewwel ilment għandu jiġi miċħud, billi ssostni li hija ma naqsitx milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-habitats.

67 L-ewwel nett, dan l-Istat Membru jsostni li l-Kummissjoni ma tistax tikkonkludi, abbażi ta' evalwazzjoni globali tas-siti li jospitaw it-tipi ta' habitats 6510 u 6520 fil-Ġermanja, li t-telf tas-superfiċji tal-imsemmija tipi ta' habitats fuq dawn is-siti huwa tali li juri l-eżistenza ta' nuqqas sistematiku u persistenti ta' twettiq ta' obbligu taħt din id-dispożizzjoni.

68 Skont ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-Kummissjoni kkonċentrat l-analiżi komparattiva tagħha fuq numru limitat ta' siti li ż-żona tagħhom hija relattivament żgħira, mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni ż-żidiet ta' superfiċji li seħħew f'siti oħra.

69 Issa, li kieku l-imsemmija istituzzjoni wettqet evalwazzjoni globali tas-siti kollha li jospitaw it-tipi ta' habitats 6510 u 6520, iddikjarati mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja fl-FSD sa mis-sena 2006 (jiġifieri 2 183 sit li jospitaw it-tip ta' habitat 6510 b'total ta' madwar 85 000 ettaru, u 330 sit li jospitaw it-tip ta' habitat 6520 b'total ta' iktar minn 12 000 ettaru), hija kienet tikkonstata biss telf ta' superfiċji ta' 4.27 % għat-tip ta' habitat 6520 u kienet ukoll issib żieda ta' superfiċji ta' 5.22 % għat-tip ta' habitat 6510.

70 Dan l-Istat Membru jżid li l-FSD relatati mas-sena 2006 kien fihom żbalji ta' stima u żbalji xjentifiċi li ġew ikkoreġuti sussegwentement. Dawn l-iżbalji jispjegaw parzjalment it-tnaqqis, mis-sena 2006, tas-superfiċji rreġistrata tat-tipi ta' habitats 6510 u 6520.

71 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tfakkar li l-Kummissjoni tikkritikaha għat-telf ta' superfiċji ta' 18 717.14 ettari għat-tip ta' habitat 6510 u ta' 1 890.35 ettari għat-tip ta' habitat 6520 fiż-żoni speċjali ta' konservazzjoni li hija għażlet, meta t-telf ta' superfiċji jilħaq biss 977.44 ettari u 110.49 ettari, rispettivament. B'hekk, dan it-telf ta' superfiċji, fl-imsemmija żoni, jikkorrispondi biss għal madwar 5.4 % u 6.2 %, rispettivament, tas-superfiċji totali tal-imsemmija tipi ta' habitats.

72 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tippreċiża li, jekk jittieħdu inkunsiderazzjoni biss is-siti magħżula mill-Kummissjoni u jekk jitqies li, f'dawn is-siti, it-tnaqqis kollu tas-superfiċji tat-tipi ta' habitats 6510 u 6520 li għalih ma teżistix kawża ċerta huwa spjegat minn tnaqqis reali ta' superfiċji, dan it-telf ta' superfiċji jiġi jammonta għal madwar 11 000 ettaru għat-tip ta' habitat 6510 u għal madwar 360 ettaru għat-tip ta' habitat 6520.

73 Dan l-Istat Membru jsostni wkoll li, għalkemm ir-Rapport tal-2014 dwar il-Mergħat u r-rapporti ppreżentati, skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar il-habitats, għall-perijodi mill-2001 sal-2006, mill-2007 sal-2012 u mill-2013 sal-2018 jikkonfermaw l-eżistenza ta' ċertu telf ta' superfiċji ta' dawn it-tipi ta' habitats, it-telf hekk ikkonstatat ma huwiex suffiċjentement sinjifikattiv sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ksur sistematiku u persistenti.

74 It-tieni nett, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni li l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-habitats ma jinkludi ebda rekwiżit vinkolanti dwar l-obbligu ta' sorveljanza fuq l-Istati Membri u lanqas jispeċifika l-miżuri speċifiċi li għandhom jittieħdu minnhom f'dan ir-rigward, b'tali mod li dawn tal-aħħar għandhom marġni ta' diskrezzjoni sabiex jiddeterminaw il-modalitajiet ta' sorveljanza.

75 Issa, fl-opinjoni tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, is-sorveljanza msemmija fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-habitats tkun suffiċjenti jekk din tkun tippermetti li jiġu identifikati l-miżuri li għandhom jittieħdu fid-diversi żoni speċjali ta' konservazzjoni, sabiex jiġi evitat b'mod effettiv id-deterjorament tat-tipi ta' habitats.

76 Dan l-Istat Membru jafferma li jissorvelja s-siti li jospitaw it-tipi ta' habitats 6510 u 6520 b'mod xieraq, b'diverġenzi minn Land għal ieħor minħabba l-istruttura federali tal-Istat.

77 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tosserva li l-Kummissjoni ma tallegax li forma oħra ta' sorveljanza setgħet tevita t-telf ta' superfiċji kkritikat.

78 It-tielet nett, dan l-Istat Membru jfakkar li l-espressjoni "miżuri xierqa" li tinsab fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-habitats tagħti lill-Istati Membri marġni ta' diskrezzjoni fil-kuntest tat-traspożizzjoni nazzjonali ta' din id-direttiva, li l-miżuri ta' natura preventiva għandhom jitqiesu li huma xierqa u li l-Istati Membri huma liberi li jiddeċiedu b'liema mod jimplimentaw miżuri preventivi, peress li l-projbizzjonijiet ma humiex imperattivi.

79 Huwa jsostni li l-fatt li s-superfiċji jitħallew abbandunati minħabba rinunzji għall-ħidma tagħhom jikkostitwixxi wkoll fattur ta' piż fuq it-tipi ta' habitats 6510 u 6520 li fir-rigward tiegħu għandhom jittieħdu miżuri xierqa.

80 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tirrileva li mill-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-habitats ma jirriżultax obbligu li jiġu adottati miżuri li jimponu l-projbizzjoni tal-ħsad matul ċerti perijodi tas-sena u li jippreskrivu valuri massimi għal dak li jirrigwarda l-fertilizzazzjoni. Barra minn hekk, huwa diffiċli li jiġi previst bi preċiżjoni l-mument meta l-ewwel ħsad jitqies li jseħħ kif ukoll li jiġi ddeterminat jekk u sa fejn huwa permess jew anki, jekk ikun il-każ, neċessarju li jiġi ffertilizzat.

81 Dan l-Istat Membru jenfasizza li l-Kummissjoni la stabbilixxiet ir-raġunijiet li għalihom dispożizzjonijiet leġiżlattivi huma iktar effettivi mill-protezzjoni kuntrattwali tan-natura, u lanqas ma wriet li l-miżuri nazzjonali intiżi sabiex jipprekludu fil-Ġermanja fertilizzazzjoni eċċessiva u l-ħsad prematur tas-siti li jospitaw it-tipi ta' habitats 6510 u 6520 huma inadegwati. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma tispjegax kif dispożizzjonijiet leġiżlattivi dwar il-fertilizzazzjoni u l-ħsad setgħu jipprekludu t-telf ta' superfiċji li hija tallega.

82 Fl-aħħar nett, dan l-Istat Membru jqis li l-protezzjoni kuntrattwali tan-natura hija iktar adegwata għan-natura antiċipattiva tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-habitats milli l-impożizzjoni ta' metodu ta' ħidma tagħhom permezz ta' regolamenti. Għalkemm tali approċċ kuntrattwali ma jistax jiggarantixxi l-assenza ta' kwalunkwe deterjorament, dan ikun ġeneralment effettiv u jimplika monitoraġġ regolari.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

83 B'mod preliminari, jeħtieġ li jitfakkar li, qabelxejn, l-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-habitats jimponi fuq l-Istati Membri sensiela ta' obbligi u ta' proċeduri speċifiċi intiżi sabiex tiġi żgurata, kif jirriżulta mill-Artikolu 2(2) ta' din id-direttiva, iż-żamma jew, fejn xieraq, l-istabbiliment mill-ġdid, fi stat ta' konservazzjoni favorevoli, ta' habitats naturali u, b'mod partikolari, ta' żoni speċjali ta' konservazzjoni (sentenza tat-12 ta' April 2018, People Over Wind u Sweetman, C-323/17, EU:C:2018:244, punt 23).

84 L-Artikolu 6 tad-Direttiva dwar il-habitats iqassam il-miżuri, elenkati f'din id-dispożizzjoni, fi tliet kategoriji, jiġifieri l-miżuri ta' konservazzjoni, il-miżuri ta' prevenzjoni u l-miżuri ta' kumpens, rispettivament previsti fil-paragrafi 1, 2 u 4 ta' dan l-artikolu. F'dan il-kuntest, l-għan tal-miżuri msemmija fil-paragrafu 2 tal-imsemmi artikolu huwa li jiġu protetti s-siti ta' deterjorament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (Protezzjoni taż-żoni speċjali ta' konservazzjoni), C-444/21, EU:C:2023:524, punti 147 u 148 u l-ġurisprudenza ċċitata).

85 Skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-habitats, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri adegwati sabiex jevitaw, fiż-żoni speċjali ta' konservazzjoni, id-deterjorament tal-habitats naturali u tal-habitats ta' speċi kif ukoll id-disturbi li jaffettwaw l-ispeċi li għalihom ġew innominati ż-żoni, sa fejn dawn id-disturbi jista' jkollhom effett sinjifikattiv fid-dawl tal-għanijiet stabbiliti f'din id-direttiva.

86 Din id-dispożizzjoni timponi fuq l-Istati Membri obbligu ġenerali li jieħdu miżuri xierqa sabiex jevitaw, fiż-żoni speċjali ta' konservazzjoni, id-deterjorament tal-habitats u d-disturbi sinjifikattivi tal-ispeċi li għalihom ġew innominati dawn iż-żoni (sentenza tal-24 ta' Ġunju 2021, Il-Kummissjoni vs Spanja (Deterjorament taż-żona naturali ta' Doñana), C-559/19, EU:C:2021:512, punt 153 u l-ġurisprudenza ċċitata).

87 Sabiex jiġi stabbilit nuqqas fil-konfront tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-habitats, ma huwiex meħtieġ li l-Kummissjoni tikkonstata l-eżistenza ta' relazzjoni ta' kawża u effett bejn l-azzjoni jew in-nuqqas ta' azzjoni tal-Istat Membru kkonċernat u deterjorament jew disturb sinjifikattiv ikkawżat lill-habitats jew lill-ispeċi kkonċernati. Fil-fatt, huwa biżżejjed li din l-istituzzjoni tistabbilixxi l-eżistenza ta' probabbiltà jew ta' riskju li din l-azzjoni jew dan in-nuqqas ta' azzjoni jipprovoka deterjorament jew disturb sinjifikattiv għal dawn il-habitats jew għal dawn l-ispeċi (sentenza tal-24 ta' Ġunju 2021, Il-Kummissjoni vs Spanja (Deterjorament taż-żona naturali ta' Doñana), C-559/19, EU:C:2021:512, punt 155 u l-ġurisprudenza ċċitata).

88 Sussegwentement, għandu jiġi rrilevat li, mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-Kummissjoni li tissodisfa, f'kull każ, l-oneru tal-prova li jaqa' fuqha, xejn ma jwaqqafha *a priori* milli tfittex fl-istess ħin il-konstatazzjoni ta' okkorrenzi ta' ksur ta' dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva minħabba l-attitudni adottata mill-awtoritajiet ta' Stat Membru fir-rigward ta' sitwazzjonijiet konkreti, li huma identifikati b'mod speċifiku, u dik ta' okkorrenzi ta' ksur tal-imsemmija dispożizzjonijiet minħabba l-fatt li prattika ġenerali li tmur kontra tagħhom tkun ġiet adottata minn dawn l-awtoritajiet, li l-imsemmija sitwazzjonijiet speċifiċi tagħhom jikkostitwixxu, fejn applikabbli, illustrazzjoni (sentenza tad-29 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (Protezzjoni taż-żoni speċjali ta' konservazzjoni), C-444/21, EU:C:2023:524, punt 165 u l-ġurisprudenza ċċitata).

89 Meta l-Kummissjoni tkun ipproduċiet biżżejjed provi li juru li l-awtoritajiet ta' Stat Membru żviluppaw prattika repetuta u persistenti li tmur kontra d-dispożizzjonijiet ta' direttiva, huwa dan l-Istat Membru li għandu jikkontesta b'mod sostantivi u ddettaljat id-data hekk ipprovduta u l-konsegwenzi li jirriżultaw minnha (sentenza tad-29 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (Protezzjoni taż-żoni speċjali ta' konservazzjoni), C-444/21, EU:C:2023:524, punt 166 u l-ġurisprudenza ċċitata).

90 Fl-istess ħin, fid-dawl tal-obbligu impost fuqha li tipprova n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu allegat, il-Kummissjoni ma tistax, billi tinqeda bi kritika kontra l-Istat Membru kkonċernat dwar nuqqas ta' twettiq ġenerali u persistenti tal-obbligi imposti fuq dan tal-aħħar skont id-dritt tal-Unjoni, ma tosservax dan l-obbligu li tipproduċi l-prova tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kkritikat abbażi ta' elementi konkreti li jikkaratterizzaw il-ksur tad-dispożizzjonijiet speċifiċi li hija tinvoka u tibbaża ruħha fuq sempliċi preżunzjonijiet jew kawżali skematiċi (sentenza tad-29 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (Protezzjoni taż-żoni speċjali ta' konservazzjoni), C-444/21, EU:C:2023:524, punt 167 u l-ġurisprudenza ċċitata).

91 Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li jikkonsisti f'li ma jkunx intlaħaq ir-riżultat previst minn direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' April 2003, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (C-20/01 u C-28/01, EU:C:2003:220, punt 30, kif ukoll tal-5 ta' Settembru 2019, Il-Kummissjoni vs L-Italja (Bactérie Xylella fastidiosa) (C-443/18, EU:C:2019:676, punt 77).

92 Fl-aħħar nett, għandu jiġi rrilevat li, għalkemm l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-habitats jistabbilixxi obbligu ġenerali intiż għat-teħid ta' miżuri ta' protezzjoni xierqa sabiex jiġi evitat, b'mod partikolari, id-deterjorament tal-habitats, din id-dispożizzjoni ma tipprevedix miżuri preċiżi li l-Istati Membri huma obbligati jadottaw u għalhekk tħallilhom marġni ta' diskrezzjoni fl-applikazzjoni tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Jannar 2016, Grüne Liga Sachsen *et* (C-399/14, EU:C:2016:10, punti 36, 37 u 40).

93 Minn dawn l-osservazzjonijiet preliminari jirriżulta li l-Kummissjoni, li hija l-unika li għandha kompetenza sabiex tiddeċiedi jekk huwiex opportun li tinbeda proċedura għal konstatazzjoni ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 258 TFUE, tista' tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja b'rikors sabiex din tikkonstata nuqqas sistematiku u persistenti ta' twettiq ta' obbligu ta' Stat Membru li jikkonsisti fi ksur tal-obbligu ġenerali tiegħu li jieħu miżuri xierqa, skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-habitats, li jippermettu li jiġi evitat id-deterjorament tal-habitats naturali fiż-żoni speċjali ta' konservazzjoni. Meta l-Kummissjoni tikkritika lil dan l-Istat Membru b'tali nuqqas sistematiku u persistenti, billi tistabbilixxi l-eżistenza ta' probabbiltà jew ta' riskju li l-ommissjoni li jadotta miżuri ta' din in-natura jkollha bħala konsegwenza deterjorament tal-imsemmija habitats naturali u billi tesponi sitwazzjonijiet speċifiċi li juru dan in-nuqqas, huwa l-imsemmi Stat Membru li għandu jikkontesta l-punti ta' liġi u ta' fatt invokati mill-Kummissjoni u jikkonfuta l-eżistenza ta' tali konsegwenza allegata.

94 F'dan il-każ, il-Kummissjoni ssostni li l-ommissjoni mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja li, b'mod ġenerali u strutturali, tieħu miżuri xierqa sabiex tevita deterjorament tat-tipi ta' habitats 6510 u 6520 fiż-żoni speċjali ta' konservazzjoni nnominati għalihom tikkostitwixxi nuqqas ta' twettiq tal-obbligu li jirriżulta mill-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-habitats. Skont din l-istituzzjoni, l-eżistenza ta' dan in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu huwa stabbilit mit-telf sinjifikattiv ta' superfiċji ta' dawn it-tipi ta' habitats fis-siti li jospitawhom, telf li jirriżulta huwa stess min-nuqqas ta' sorveljanza speċifika ta' dawn is-siti u mill-assenza ta' miżuri ta' protezzjoni legalment vinkolanti kontra l-fertilizzazzjoni eċċessiva u l-ħsad prematur ta' dawn is-siti.

95 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-allegazzjoni ta' deterjorament tat-tipi ta' habitats 6510 u 6520, fis-sens tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-habitats, minħabba telf sinjifikattiv ta' superfiċji subit minn dawn it-tipi ta' habitats fiż-żoni speċjali ta' konservazzjoni fil-Ġermanja, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ppreċiżat li, billi l-għan ta' din id-dispożizzjoni jikkonsisti fil-protezzjoni tas-siti minn deterjorament li jista' jkun hemm, jista' jkun neċessarju, għall-implimentazzjoni tagħha, li jittieħdu kemm miżuri intiżi sabiex jiġu evitati l-ħsara u d-disturbi esterni kkawżati mill-bniedem kif ukoll miżuri intiżi sabiex iwaqqfu żviluppi naturali li jistgħu jiddeterjoraw l-istat ta' konservazzjoni tal-habitats naturali fiż-żoni speċjali ta' konservazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (Protezzjoni taż-żoni speċjali ta' konservazzjoni), C-444/21, EU:C:2023:524, punti 148 sa 149 u l-ġurisprudenza ċċitata).

96 Barra minn hekk, peress li l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-habitats japplika fil-livell tas-siti u l-Istati Membri huma obbligati jevitaw f'kull sit id-deterjorament tal-habitats naturali fejn il-preżenza tagħhom hija sinjifikattiva, id-deterjoramenti kkonstatati f'sit partikolari ma jistgħux jiġu kkumpensati permezz ta' titjib f'siti oħra.

97 Għaldaqstant, sabiex jiġi evalwat jekk ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kisritx, b'mod ġenerali u strutturali, l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-habitats, għandu jiġi eżaminat jekk il-Kummissjoni stabbilixxietx l-eżistenza, f'numru kunsiderevoli ta' siti rappreżentattivi għal dan l-Istat Membru, ta' telf sinjifikattiv ta' superfiċji tat-tipi ta' habitats 6510 u 6520 kif ukoll il-probabbiltà li dan id-deterjorament ta' dawn it-tipi ta' habitats kien ġie pprovokat mill-ommissjoni ta' dan l-Istat Membru li jieħu miżuri xierqa.

98 Qabelxejn, fir-rigward tat-telf ta' superfiċji tat-tipi ta' habitats 6510 u 6520 fil-Ġermanja, il-Kummissjoni ssostni li l-analiżi mwettqa għall-finijiet ta' dan ir-rikors abbażi ta' paragun bejn id-data trażmessa minn dan l-Istat Membru fil-FSD relatati mas-sena 2006 u dik li tirriżulta mill-FSD l-iktar reċenti disponibbli u mill-pjanijiet ta' ġestjoni għad-diversi żoni wera telf sinjifikattiv ta' superfiċji f'596 sit fuq 2 027 sit li jospitaw it-tip ta' habitat 6510 u fi 88 sit fuq 295 sit li jospitaw it-tip ta' habitat 6520, fejn dan it-telf jammonta, fis-siti inkwistjoni, għal 49.52 % tas-superfiċji tat-tip ta' habitat 6510 u għal 51.07 % tas-superfiċji tat-tip ta' habitat 6520. Skont din l-istituzzjoni, in-numru kbir ta' siti li fihom ġie kkonstatat tnaqqis sinjifikattiv tas-superfiċji u d-distribuzzjoni ġeografika tas-siti kkonċernati fil-Ġermanja kollha juru li dan huwa żvilupp ġenerali u strutturali.

99 Sabiex tikkontesta dawn l-evalwazzjonijiet, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni li l-Kummissjoni żbaljat meta bbażat ruħha, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-bidliet ta' superfiċji, fuq id-data li tinsab fl-FSD relatati mas-sena 2006 dwar dawn it-tipi ta' habitats, minħabba l-iżbalji li jinsabu fihom. Madankollu, għandu jiġi rrilevat li, anki wara l-korrezzjoni ta' dawn l-iżbalji, jeżisti telf ta' superfiċji f'81 sit li jospitaw it-tip ta' habitat 6510 u fi 15-il sit li jospitaw it-tip ta' habitat 6520.

100 Barra minn hekk, dan l-Istat Membru jindika li, skont l-FSD trażmessi mis-sena 2006, it-tip ta' habitat 6510 kien ikopri madwar 85 000 ettaru bħala total u t-tip ta' habitat 6520 kien ikopri iktar minn 12 000 ettaru bħala total, filwaqt li, fis-siti meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni, din l-istituzzjoni tikkonstata telf ta' superfiċji ta' 18 717.14 ettari għat-tip ta' habitat 6510 u ta' 1 890.35 ettari għat-tip ta' habitat 6520. Issa, fil-fehma tal-imsemmi Stat Membru, fir-realtà, it-telf ta' superfiċji li seħħ f'dawn is-siti jammonta biss għal 977.44 ettari u għal 110.49 ettari, rispettivament.

101 Għandu jiġi osservat ukoll li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja tirrikonoxxi li ma hijiex f'pożizzjoni li tipprovdi ġustifikazzjoni jew spjegazzjoni, fir-rigward ta' ċerti siti meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni, għal telf ta' superfiċji li jammonta għal madwar 11 000 ettaru għat-tip ta' habitat 6510 u għal madwar 360 ettaru għat-tip ta' habitat 6520.

102 Id-data li tinsab fl-Anness B.4 tar-risposta ta' dan l-Istat Membru tikkonferma din l-affermazzjoni sa fejn tindika, kif jirrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 73 tal-konklużjonijiet tiegħu, li dan it-"telf mhux spjegat" jirrappreżenta mill-inqas 9 853.38 ettari fuq iktar minn 200 sit li jospitaw it-tip ta' habitat 6510 u mill-inqas 249.78 ettari fuq 24 sit li jospitaw it-tip ta' habitat 6520.

103 Fid-dawl ta' dawn l-elementi, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni stabbilixxiet telf sinjifikattiv ta' superfiċji tat-tipi ta' habitats 6510 u 6520 f'numru kunsiderevoli ta' siti li jinsabu fit-territorju tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

104 Sussegwentement, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk dan it-telf ta' superfiċji huwiex rappreżentattiv għal dan l-Istat Membru, huwa biżżejjed li jiġi osservat li s-siti inkwistjoni jinsabu, f'dak li jirrigwarda t-tip ta' habitat 6510, f'għaxar Länder u, f'dak li jirrigwarda t-tip ta' habitat 6520, f'ħames Länder ta' dan l-Istat Membru, li jinkludi sittax, fosthom tlett ibliet, jiġifieri Berlin, Bremen, Hamburg, li għandhom l-istatus ta' Land.

105 Fl-aħħar nett, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni stabbilixxiet b'mod suffiċjenti l-probabbiltà li dan id-deterjorament tat-tipi ta' habitats ġie pprovokat min-nuqqas ta' teħid ta' miżuri xierqa li jippermettu li jiġi evitat tali deterjorament u li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma ressqet ebda element ta' natura li jeskludi din il-probabbiltà.

106 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-argument tal-Kummissjoni li l-assenza ta' sorveljanza speċifika fiż-żoni speċjali ta' konservazzjoni nnominati għat-tipi ta' habitats 6510 u 6520 fil-Ġermanja kkontribwixxiet għad-deterjorament ta' dawn it-tipi ta' habitats, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta mill-punti 92 u 93 ta' din is-sentenza, l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-habitats, li jistabbilixxi obbligu ġenerali li jiġi evitat id-deterjorament tal-habitats naturali, iħalli lil kull Stat Membru marġni ta' diskrezzjoni fl-applikazzjoni tiegħu u li, b'mod partikolari, meta l-Kummissjoni tikkritika lil Stat Membru b'nuqqas ta' twettiq sistematiku u persistenti ta' dan l-obbligu billi tistabbilixxi l-probabbiltà li l-inattività ta' dan tal-aħħar għandha bħala konsegwenza deterjorament tal-imsemmija habitats naturali, huwa dan l-Istat Membru li għandu jikkonfuta l-punti ta' liġi u ta' fatt invokati minn din l-istituzzjoni.

107 F'dan il-każ, minn naħa, wara li stabbilixxiet l-eżistenza ta' telf sinjifikattiv ta' superfiċji tat-tipi ta' habitats 6510 u 6520 f'numru kunsiderevoli ta' siti ġeografiċi li jinsabu fit-territorju tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-Kummissjoni ssostni li dan it-telf jikkostitwixxi indizju li l-awtoritajiet kompetenti ta' dan l-Istat Membru jonqsu sistematikament milli jissorveljaw regolarment l-istat ta' konservazzjoni ta' dawn it-tipi ta' habitats.

108 Peress li, skont l-ispjegazzjonijiet ipprovduti minn din l-istituzzjoni, huwa plawżibbli li tali insuffiċjenza ta' sorveljanza ta' dawn l-awtoritajiet ikkontribwixxiet għad-deterjorament tal-imsemmija tipi ta' habitats fis-siti li jospitawhom u li l-istat ta' konservazzjoni tagħhom jevolvi negattivament, hija r-Repubblika Federali tal-Ġermanja li għandha tipproduċi l-provi li jistgħu juru l-assenza ta' nuqqas min-naħa tagħha fis-sorveljanza speċifika ta' dawn is-siti.

109 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-kritika tal-Kummissjoni dwar l-assenza ta' miżuri speċifiċi ta' sorveljanza, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tipprovdi preżentazzjoni ġenerali tas-sistema ta' sorveljanza kemm fil-livell federali kif ukoll fil-livell tal-Länder u kif ukoll preżentazzjoni ta' ċerti miżuri speċifiċi ta' sorveljanza li jistgħu jiġu applikati f'dawn l-istess livelli. B'hekk, hija tikkunsidra li hija teżerċita sorveljanza fuq it-tipi ta' habitats 6510 u 6520 b'mod xieraq fit-territorju tagħha. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li, f'dan il-kuntest, dan l-Istat Membru jikkonfuta biss parzjalment l-allegazzjonijiet tal-Kummissjoni fis-sens li, f'ċerti Länder, ma teżistix kartografija preċiża li tirreferi għas-siti li jospitaw dawn it-tipi ta' habitats jew li ċ-ċiklu ta' kartografija huwa twil wisq jew ukoll li l-kontroll tal-istat tal-imsemmija tipi ta' habitats huwa nieqes jew isir biss bit-teħid ta' kampjuni jew huwa ddeterminat minn avveniment.

110 Għaldaqstant, għandu jiġi rrilevat li l-miżuri ta' sorveljanza applikati fil-Ġermanja ma humiex speċifiċi biżżejjed għas-siti kkonċernati, regolari u konsegwenti sabiex ikun jista' jitqies li din is-sorveljanza hija xierqa fis-sens tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-habitats.

111 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-argument tal-Kummissjoni li d-deterjorament tat-tipi ta' habitats 6510 u 6520 fil-Ġermanja jirriżulta wkoll mill-fatt li dan l-Istat Membru ma adottax miżuri legalment vinkolanti kontra l-fertilizzazzjoni eċċessiva u l-ħsad prematur sabiex jiġu protetti ż-żoni speċjali ta' konservazzjoni, u, għall-kuntrarju, jiffavorixxi l-ftehimiet ta' protezzjoni kuntrattwali kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet u l-pjanijiet ta' ġestjoni mhux vinkolanti, għandu jiġi osservat li huwa paċifiku bejn il-partijiet li l-fertilizzazzjoni eċċessiva u l-ħsad prematur tas-siti li jospitaw dawn it-tipi ta' habitats għandhom bħala konsegwenza d-deterjorament tagħhom, filwaqt li l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-habitats jobbliga lill-Istati Membri jieħdu miżuri li jippermettu li jiġi evitat tali deterjorament.

112 Fir-rigward tan-natura ta' dawn il-miżuri, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni, billi tibbaża ruħha fuq il-punt 63 tas-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-535/07, EU:C:2010:602), li ma jidhirx li t-twettiq ta' dan l-għan jeħtieġ neċessarjament l-istabbiliment ta' projbizzjonijiet speċifiċi u li l-imsemmi għan jista' jintlaħaq permezz ta' ftehimiet ta' protezzjoni li jorbtu lill-operaturi tas-siti kkonċernati kif ukoll permezz ta' rakkomandazzjonijiet u pjanijiet ta' ġestjoni mhux vinkolanti.

113 Issa, f'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-livell ta' protezzjoni previst fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-habitats għandu b'mod partikolari jiġi ddeterminat fid-dawl tal-għanijiet ta' konservazzjoni tas-sit ikkonċernat (sentenza tat-12 ta' Settembru 2024, Elliniki Ornithologiki Etaireia *et*, C-66/23, EU:C:2024:733, punt 43).

114 Għalhekk, sa fejn l-għan ta' protezzjoni tas-siti koperti minn din id-dispożizzjoni jikkonsisti, kif tfakkar fil-punt 84 ta' din is-sentenza, fil-protezzjoni ta' dawn is-siti mid-deterjorament, l-assenza ta' dispożizzjoni legalment vinkolanti li tipprojbixxi l-fertilizzazzjoni eċċessiva u l-ħsad prematur tas-siti li jospitaw it-tipi ta' habitats 6510 u 6520 ma tippermettix lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-habitats.

115 Barra minn hekk, għalkemm dan l-Istat Membru jinvoka l-eżistenza ta' ftehimiet ta' protezzjoni li jorbtu lill-operaturi tal-imsemmija siti, dan ma jistabbilixxix li dawn il-ftehimiet għandhom l-effett ta' dispożizzjoni legalment vinkolanti li tipprojbixxi l-fertilizzazzjoni eċċessiva u l-ħsad prematur fl-istess siti.

116 Konsegwentement, billi ma adottatx miżuri ta' protezzjoni legalment vinkolanti kontra l-fertilizzazzjoni eċċessiva u l-ħsad prematur tas-siti li jospitaw it-tipi ta' habitats 6510 u 6520, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kisret l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-habitats.

117 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li, billi naqset b'mod ġenerali u strutturali milli tieħu miżuri xierqa sabiex tevita deterjorament tat-tipi ta' habitats 6510 u 6520 protetti min-network Natura 2000, imsemmija fl-Anness I tad-Direttiva dwar il-habitats, fis-siti nnominati għalihom, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 6(2) ta' din id-direttiva.

Fuq it-tieni lment, ibbażat fuq ksur tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva dwar il-habitats

– *L-argumenti tal-partijiet*

118 Permezz tat-tieni lment, il-Kummissjoni tikkritika lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja li naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva dwar il-habitats, billi naqset, b'mod ġenerali u strutturali, milli tibagħtilha data aġġornata dwar is-siti li jospitaw it-tipi ta' habitats 6510 u 6520.

119 Hija tirrileva li, f'202 mill-596 sit li jospitaw it-tip ta' habitat 6510 u f'14 mit-88 sit li jospitaw it-tip ta' habitat 6520, l-aħħar FSD ma kinux aġġornati, peress li dawn ma kinux jinkludu l-konstatazzjonijiet reali dwar is-superfiċji ta' dawn it-tipi ta' habitats. Peress li għaxra mis-sittax-il Länder tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja huma kkonċernati, din hija ommissjoni sistematika fl-attwalizzazzjoni tal-FSD.

120 Il-Kummissjoni ssostni li, minkejja l-fatt li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva dwar il-habitats ma jimponix espliċitament fuq l-Istati Membri l-obbligu li jipprovdu regolarment data aġġornata, dwar is-superfiċji ta' kull żona speċjali ta' konservazzjoni, dan l-obbligu ta' aġġornament jirriżulta mill-interpretazzjoni kuntestwali u teleoloġika ta' din id-dispożizzjoni.

121 Din l-istituzzjoni tippreċiża li huwa neċessarju għaliha li jkollha din id-data sabiex tiżgura l-osservanza tal-għanijiet ta' konservazzjoni msemmija fl-Artikolu 2 tad-Direttiva dwar il-habitats. Barra minn hekk, hija tfakkar li hija għandha, skont l-Artikolu 9 ta' din id-direttiva, twettaq evalwazzjoni perijodika tal-kontribuzzjoni ta' Natura 2000 sabiex jintlaħqu l-għanijiet previsti fl-Artikoli 2 u 3 tal-imsemmija direttiva.

122 L-importanza li tiġi pprovduta tali data aġġornata regolarment toħroġ ukoll mill-Artikolu 17 tal-istess direttiva, li jeżiġi li l-Istati Membri jistabbilixxu kull sitt snin rapport li fih huma għandhom jindikaw fid-dettall il-miżuri meħuda u t-titjib magħmul lil kull sit.

123 Il-Kummissjoni tenfasizza li interpretazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva dwar il-habitats fis-sens li din id-dispożizzjoni timponi biss trażmissjoni "inizjali" ta' data waħda ma tippermettix li jiġi żgurat b'mod suffiċjenti t-twettiq tal-għanijiet ta' konservazzjoni, peress li ż-żoni speċjali ta' konservazzjoni u t-tipi ta' habitats huma kontinwament suġġetti għal bidliet.

124 Din l-istituzzjoni żżid li hija qieset, fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/484, il-FSD attwalment fis-seħħ għat-trażmissjoni tad-data dwar is-siti Natura 2000 u li l-premessa 4 ta' din id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tespliċita dan l-obbligu ta' aġġornament regolari billi tipprovdi li "[i]l-kontenut tal-Formula Standard tad-dejta tan-Natura 2000 għandu jiġi aġġornat b'mod regolari abbażi tal-aħjar informazzjoni disponibbli għal kull sit tan-netwerk, biex il-Kummissjoni tkun tista' twettaq ir-rwol tagħha bħala koordinatriċi".

125 Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tirrimarka li l-maġġoranza tal-Istati Membri jirrikonoxxu l-ħtieġa li jaġġornaw b'mod kostanti l-FSD u li jipprovdulha data aġġornata kull sena.

126 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja titlob li dan l-ilment jiġi miċħud.

127 Hija tirrileva li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva dwar il-habitats jinkludi obbligu għall-Istati Membri li jikkomunikaw darba biss informazzjoni ddettaljata dwar is-siti ta' importanza Komunitarja, iżda mhux obbligu ta' aġġornament ta' din id-data.

128 Barra minn hekk, l-interpretazzjoni sistematika ssostni din l-interpretazzjoni letterali, peress li dan l-Artikolu 4 jikkonċerna l-proċedura ta' dikjarazzjoni tas-siti kif ukoll l-istabbiliment tal-listi tas-siti ta' importanza Komunitarja u mhux l-iskambju ta' informazzjoni sussegwenti mal-Kummissjoni, fejn dan l-iskambju huwa, barra minn hekk, irregolat mid-dispożizzjonijiet li jinsabu fit-taqsima sussegwenti tal-imsemmija direttiva, intitolata "Informazzjoni", u b'mod partikolari fl-Artikolu 17 ta' din tal-aħħar.

129 L-imsemmi Stat Membru josserva li, kieku l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jimponi obbligu ta' aġġornament regolari, huwa kien jipprevedi dan b'mod espliċitu, kif għamel fir-rigward tal-obbligu, li jinsab fl-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar il-habitats, li jiġi stabbilit kull sitt snin rapport dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet adottati fil-kuntest ta' din id-direttiva.

130 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni li l-assenza ta' tali obbligu ta' aġġornament tad-data tirriżulta wkoll min-noti ta' spjega li jinsabu fl-anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/484, peress li dawn sempliċement "jinkoraġġixxu attivament" lill-Istati Membri jaġġornaw "ta' spiss biżżejjed" u "fid-dawl tal-aħjar informazzjoni disponibbli" id-dokumentazzjoni miġbura fil-FSD, mingħajr ma jimponu aġġornamenti kompleti regolari.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

131 Mill-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva dwar il-habitats jirriżulta li l-lista tas-siti li jindikaw it-tipi ta' habitats naturali tal-Anness I u l-ispeċi indiġeni tal-Anness II li huma jospitaw "għandha tkun mgħoddija lill-Kummissjoni, fi żmien tliet snin min-notifika ta' din id-Direttiva, flimkien ma' informazzjoni dwar kull sit".

132 Skont il-kliem ta' din id-dispożizzjoni, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw, b'mod partikolari, il-lista li tinkludi s-siti ġeografiċi kif ukoll l-informazzjoni dwar dawn is-siti, u dan f'terminu speċifiku, jiġifieri fi żmien tliet snin min-notifika tal-imsemmija direttiva. Għalhekk, u kif tosserva r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, l-imsemmija termini jirreferu b'mod ċar għal komunikazzjoni waħda ta' informazzjoni.

133 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li mill-formulazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva dwar il-habitats ma jirriżultax obbligu li abbażi tiegħu l-Istati Membri, wara li jkunu wettqu t-trażmissjoni tad-data prevista f'din id-dispożizzjoni, ikunu obbligati jipproċedu regolarment bl-aġġornament tagħha.

134 L-analiżi kuntestwali ta' din id-dispożizzjoni ma tippermettix interpretazzjoni differenti.

135 Fil-fatt, minn naħa, il-proċedura li tirregola n-nomina ta' siti bħala "żoni speċjali ta' konservazzjoni", kif previst fl-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar il-habitats, tikkonsisti f'diversi stadji.

136 Għalhekk, qabelxejn, konformement mal-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva, kull Stat Membru għandu jipproponi, b'mod partikolari, lista ta' siti li jindikaw it-tipi ta' habitats naturali li huma jospitaw u jibgħat lill-Kummissjoni din il-lista kif ukoll informazzjoni differenti dwar dawn is-siti. Sussegwentement, skont l-Artikolu 4(2) tal-imsemmija direttiva, il-Kummissjoni għandha tadotta, mil-listi ppreżentati mill-Istati Membri, lista tas-siti magħżula bħala "siti ta' importanza

għall-Komunità". Fl-aħħar nett, skont l-Artikolu 4(4) tal-istess direttiva, ladarba sit ta' importanza għall-Komunità jkun ġie adottat, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinnominah bħala "żona speċjali ta' konservazzjoni".

137 Minn dan isegwi li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva dwar il-habitats jillimita ruħu li jirregola l-ewwel stadju tal-proċedura li l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom isegwu sabiex iż-żoni speċjali ta' konservazzjoni jkunu nnominati b'mod korrett.

138 Min-naħa l-oħra, għalkemm huwa veru, kif tosserva l-Kummissjoni, li obbligu ta' aġġornament regolari tad-data jirriżulta mill-Artikolu 17 ta' din id-direttiva, sa fejn dan jimponi fuq l-Istati Membri li kull sitt snin jistabbilixxu rapport li fih huma għandhom jispeċifikaw, b'mod partikolari, il-miżuri meħuda fil-livell nazzjonali u l-effetti ta' dawn il-miżuri fuq l-istat ta' konservazzjoni ta' kull sit, dan l-istess Artikolu 17 ma jinkludi ebda riferiment għall-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar il-habitats u lanqas, b'mod iktar ġenerali, ebda element favur interpretazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) fis-sens li l-Istati Membri huma obbligati li jipprovdu regolarment data aġġornata dwar iż-żoni speċjali ta' konservazzjoni.

139 Fir-rigward tal-għanijiet ta' konservazzjoni msemmija fl-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva dwar il-habitats, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni twettaq, konformement mal-Artikolu 9 ta' din id-direttiva, l-evalwazzjoni perijodika tal-kontribuzzjoni ta' Natura 2000 għat-twettiq ta' dawn l-għanijiet. Għal dan l-għan, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tal-imsemmija direttiva, din l-istituzzjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/484, li l-premessa 4 tagħha tipprovdi li l-kontenut tal-FSD Natura 2000 għandu jiġi aġġornat regolarment abbażi tal-aħjar informazzjoni disponibbli għal kull sit tan-network.

140 Madankollu, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 98 tal-konklużjonijiet tiegħu, anki jekk jitqies li obbligu għall-Istati Membri li jaġġornaw regolarment id-data ta' kull sit ikklassifikat bħala żona speċjali ta' konservazzjoni jista' jiġi dedott mill-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar il-habitats, tali obbligu ma jirriżultax mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva.

141 Issa, l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni fid-dawl tal-għan tagħha ma jistax ikollha r-riżultat li tneħħi kull effett utli mill-formulazzjoni ċara u preċiża ta' din id-dispożizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-22 ta' Marzu 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, C-437/04, EU:C:2007:178, punt 56, u kif ukoll tal-20 ta' Settembru 2022, VD vs SR, C-339/20 u C-397/20, EU:C:2022:703, punt 71).

142 Barra minn hekk, il-fatt, allegat mill-Kummissjoni, li l-maġġoranza tal-Istati Membri jirrikonoxxu l-ħtieġa li jaġġornaw il-FSD b'mod kostanti huwa irrilevanti għall-interpretazzjoni tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva dwar il-habitats. F'dan ir-rigward, kif tenfasizza r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, jista' jitqies li, kieku l-leġiżlatur tal-Unjoni ried, permezz ta' din id-dispożizzjoni, jimponi obbligu ta' aġġornament regolari, huwa kien jipprevedi dan b'mod espliċitu.

143 Minn dan isegwi li t-tieni lment għandu jiġi miċħud.

144 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha premessi, għandu jiġi kkonstatat li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva dwar il-habitats billi naqset b'mod ġenerali u strutturali milli tieħu miżuri xierqa sabiex tevita deterjorament tat-tipi ta' habitats 6510 u 6520 protetti min-network Natura 2000, imsemmija fl-Anness I ta' din id-direttiva, fis-siti nnominati għalihom.

145 Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

Fuq l-ispejjeż

146 Skont l-Artikolu 138(3) tar-Regoli tal-Proċedura, jekk il-partijiet jitilfu rispettivament fir-rigward ta' talba waħda jew iktar, kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha. Peress illi l-Kummissjoni u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja tilfu rispettivament waħda jew iktar mit-talbiet tagħhom, hemm lok li jiġi deċiż li dawn għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2013/17/UE tat-13 ta' Mejju 2013, billi naqset b'mod ġenerali u strutturali milli tieħu miżuri xierqa sabiex tevita deterjorament tat-tipi ta' habitats 6510 (mergħat ta' ħuxlief f'altitudni baxxa) u 6520 (mergħat ta' ħuxlief fuq il-muntanji) protetti minn network Natura 2000, imsemmija fl-Anness I tad-Direttiva 92/43, kif emendata, fis-siti nnominati għalihom.**

2) **Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.**

3) **Il-Kummissjoni Ewropea u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.**

Firem